# Innu lill-Madonna tal-Ġilju (I)
## L-ewwel żewġ movimenti

Astratt: Għall-okkażjoni tal-mitt sena mit-twelid ta' Mro. Joseph Darmanin, l-awtur ta' dal-Innu lill-Madonna tal-Ġilju u dik tal-20 sena mill-iffirmar tal-partitura l-ġdida tal-istess Innu mill-kompożitur innifsu, qtajtha li nikteb sensiela dwaru biex il-qarrej ikun jista' japprezza aktar dat-teżor mużikali wisq għall-qalb l-Imqabbin. Dwar dan l-Innu kien inkiteb artiklu tajjeb u mimli tagħrif minn Dr. Charles Farrugia B.A. (Hons), PGDipRM (N'Castle), M.A. M.A. (Lond.), Ph.D (Aber) fil-ktieb tal-ewwel festa Mqabbija f'ġieħ il-Madonna tal-Ġilju ta' dal-millenju. Issa jmiss lili li nitkellem dwaru mil-lat mużikali biex b'hekk inkomplu fejn ħalla seħibna Farrugia. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lid-direzzjoni tas-Soċjetà u b'mod partikulari lil Nathan Bonnici, student tal-mużika tal-ewwel sena fil-UoM Junior College tal-interess li wera fil-ħsieb tiegħi li nagħmel analiżi mużiko-letterjarja ta' dal-Innu.

Kliem muftieħ: Imqabba, Madonna tal-Ġilju, Innu Kbir, Innu Tifħir, Innu di Gloria, Mro. Joseph Darmanin, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Ġilju' (Imqabba), Soċjetà Filarminica 'Stella Maris' (Sliema), Każin Banda 'San Nikola' (Siġġiewi), The Our Lady Queen of Peace Parish Band (Graystanes, Syndey, Awstralja).



Ritratt awtografat ta' Mro. J. Darmanin

Dwar it-twelid ta' dal-Innu nsibu tagħrif biżżejjed fl-artiklu riċerkat ta' Dr. Charles Farrugia bit-titlu "L-Innu lill-Madonna tal-Ġilju Mniedi Ħamsin Sena Ilu" li kien deher f'wieħed mill-programmi tal-festa ta' dil-Għaqda mużikali. Fl-istess artiklu nsibu wkoll profili fuq il-kompożitur u l-qassis-poeta Dun Frans Camilleri li kiteb il-versi għalih. L-artiklu jitkellem ukoll fuq l-ewwel darba li ndaqq fil-pubbliku nhar l-20 ta' Mejju 1950. Fl-1998 kienet intagħmlet partitura ġdida li ġiet ikkupjata minn Mangion il-Luqi peress li l-ewwel waħda kienet qdiemet wisq bil-ħafna użu tagħha. Fl-aħħar paġna tal-partitura l-kompożitur kien ħalla n-nota awtografata li ġejja: *This is a copy of the original score of the Hymn our Lady of the Lillies (sic.) which was composed by me in September 1949.* Għall-millenju l-ġdid l-Innu kien ġie irrekordjat fuq diska kumpatta u ndaqq fuq il-planċier mill-istess banda li għaliha ġie kompost. Ta' min jgħid hawnhekk li meta Mro. Joseph Darmanin kien fuq btala f'Malta fl-1998 kellu wkoll ix-xorti li jerġa' jidderieġi l-Banda Slimiża ta' Stella Maris li tagħha kien surmast-direttur bejn is-snin 1945-64[1]. Huwa kien ġie mistieden biex jidderieġi l-Innu-marċ "Lil Marija Santissima u l-Ulied ta' Stella Maris", kompożizzjoni ta' missieru Antonio waqt il-programm ta' lejlet il-festa.[2]

Xi affarijiet żgħar li forsi ma ntqalux fil-profili tas-Surmast Darmanin u tal-qassis-poeta Dun Frans fl-artiklu riċerkat ta' Dr. Farrugia, u li jistgħu jkunu t'interess għalina hawnhekk, huma dawn: (a) li Mro. Darmanin laħaq surmast tal-Banda Slimiża f'Settembru tal-istess sena li waqqaf il-Banda Mqabbija, jiġifieri fl-1945; (b) li laħaq surmast-direttur taż-żewġ baned qabel ma ġab l-A.Mus.L.C.M. fi Frar tal-1947 wara kors ta' studju fil-kontrapunt u strumentazzjoni moderna taħt is-Surmast Joseph Stivala; (ċ) li fl-istess sena li kiteb l-Innu 'Tal-Ġilju', ikkompona xogħol ieħor kbir bl-isem ta' "Grand Prelude in B*b* Major". Dax-xogħol kien tlesta f'Ottubru tal-1949 u ndaqq għall-ewwel darba s-sena ta' wara fil-festa ta' San Publju mill-Banda Stella Maris taħt id-direzzjoni tiegħu stess. Tliet snin wara reġa' ndaqq fil-Belt Valletta bħala parti miċ-Ċelebrazzjonijiet tal-



3. Mro J. Darmanin, A. (Mus.) L.C.M.

Mro. J. Darmanin A. (Mus) L.C.M.

**"Grand Prelude in B Flat Major"**

The third composition is also written by a Maltese. GRAND PRELUDE IN B FLAT MAJOR was completed by Mro. Joseph Darmanin A. (Mus.) L.C.M. in October 1949, and played for the first time the following year, on the Feast of St. Publius, by the Stella Maris Band directed by the composer, who is also its permanent conductor. The PRELUDE was also played in Valletta during the Coronation Celebrations in 1953. The PRELUDE has a strong tutti opening. Between one canon and another the composer flies lightly from one instrument to another and from there to the whole band in the treatment of his themes. The work is rich in modulations and varied in intensity of sound.

[1] Mro. Darmanin bagħat l-ittra tar-riżenja tiegħu minn surmast fi Frar/Marzu 1964. Emigra lejn l-Awstralja fit-13 ta' Lulju ta' dik is-sena. (Naudi Herbert: Banda Stella Maris Mitt Sena ta' Storja)

[2] *Idem*. p. 182.

Inkoronazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. L-istess xogħol kien indaqq ukoll is-Sibt 8 ta’ Novembru 1958 waqt kunċert vokali u strumentali fir-*Radio City Opera House* fil-Ħamrun li ta’ kull sena kien jiġi organizzat minn *The Malta Band Clubs Association* bi sħab ma’ *Rediffusion (Malta) Ltd.*; (d) Fid-Djarju tal-Kor tal-Ħamrun, imwaqqaf u dirett minn Dun Ġużepp Cachia, f’paġna 36 insibu mniżżel li fit-18 ta’ Mejju 1957: “Il-kor kanta ġewwa l-Imqabba l-Innu sabiħ imsejjaħ ‘tal-Ġilju’ li kiteb is-surmast Darmanin f’ġieħ il-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba”. Skont l-istess djarista dal-Innu kien ġie wkoll irrekordjat;




Qoxra tal-ktieb tal-Innijiet ta' Dun Frans Camilleri (1948)

(e) Minnu li l-“Innu lill-Madonna tal-Ġilju” ta’ Dun Frans Camilleri kien ġie ppubblikat flimkien ma’ innijiet oħra tal-parroċċa fil-ktejjeb ‘Innijiet’ (1948), p. 13 u ġie mmużikat minn Mro. Joseph Darmanin sena wara. Iżda aktarx li dal-Innu kien ġa kien moħmi qabel ma l-ktejjeb ġie stampat, għax kif jgħid l-awtur stess fil-kelmtejn qabel, meta ġie biex jiġbor l-innijiet sab li diġà kellu għadd ġmielhom lesti minnhom qalb il-poeżiji u l-artikli manuskritti li kellu jiġru f’daru. Tant hu hekk, li sakemm il-ktejjeb mar għall-pubblikazzjoni ġa kellu sew ‘l fuq minn mitt wieħed miktubin. Fl-istess ktejjeb ukoll insibu innu tal-Madonna ieħor tiegħu bl-isem ta’ “Bħall-Ġilji!”, li qed f’paġna 57.

F’wieħed mill-ħafn’ artikli tiegħi li jitrattaw l-innijiet kbar u żgħar kont ktibt hekk fuq l-‘Innu Tifħir lil San Ġużepp’ ta’ Mro. Willie Attard (1899-1970)[3]: “Bħala ġeneru, *Inno di Gloria* jew *Innu Tifħir,* jonkella sempliċiment *Innu l-Kbir* huwa bħal Kantata f’repertorju klassiku u li jikkonsisti f’xogħol mużikali, aktarx b’tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-Qaddis/a li għalih/a tkun qed issir il-festa. Xogħol simili ikun intiż għal vuċijiet solisti fi stil operistiku hekk imsejjaħ *bel canto* peress li fih il-kant ikun tabilħaqq floridu. Dal-vuċijiet ikunu akkumpanjati minn kor magħmul, jew minn tfal (bniet u subien), jew adulti (irġiel u nisa), imma li aktarx ikantaw fl-unisonu[4] u qajla jingħataw partijiet mużikali differenti. Peress li Innu *di Gloria* jindaqq barra fuq xi planċier artistiku, u mhux ġewwa knisja, dan jindaqq minn banda mdaqqsa jew kbira. F’dik li hi nisġa mużikali mbagħad, l-Innu *di Gloria* jkun imħawwar tajjeb b’passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta’ arji[5], dwetti[6], saħansitra terzetti[7], min-naħa tal-vuċijiet solisti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi[8] fuq xi strument jew ieħor u fanfarri[9] li jannunzjaw il-miġja ta’ xi waqt importanti. Xogħol bħal mhu dan ikun jirrikjedi tip ta’ melodija li, bil-ksur u l-ħlewwa tagħha, tagħraf tpaxxi ‘l-widna, armonija mħaddma b’tali mod li tista’ toffri tiżwiq mhux tas-soltu f’dawk li huma akkordji[10], u orkestrazzjoni rikka biex tgħin lix-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt[11] u għodod mużikali oħra ma jonqsux f’xogħol bħalma hu dan”.

Ma’ dan kollu nixtieq inżid ngħid, li biex innu jikkwalifika bħala wieħed mill-kbar irid ikun fih għexieren kbar ta’ battuti mqassmin f’diversi taqsimiet, jew biex insejħulhom hekk, movimenti, fejn it-tema ewlenija tirrepeti ruħha għal diversi drabi (din aktarx tkun kantata mis-solisti u l-kor għall-akkumpanjament ta’ banda sħiħa, bil-qniepen b’kollox). Ħafna drabi wkoll, ikun fihom xi tip ta’ motiv jiġri min-naħa għall-oħra tax-xogħol. Minn daqshekk, l-‘Innu lill-Madonna tal-Ġilju’ jaqa’ taħt dil-kategorija, għax kif ser naraw ‘il quddiem, għandu ħafna mill-attribwiti li għadna kif semmejna. Iżda qabel ma niġu għal dan jinħtiġilna nitkellmu dwar il-versi tal-Innu mill-pinna tal-qassis-poeta Dun Frans Camilleri.

---

[3] Sensiela Mro. Willie Attard (1899-1970): Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-agunija u l-glorja. Programm tal-festa ta’ San Ġużepp, il-Ħamrun, 2015, pp. 23-7.
[4] Daqq jew kant minn strumenti jew vuċijiet differenti imma li jaqblu fil-leħen, fit-ton, u fl-istess noti mużikali.
[5] Silta minn opra, oratorju jew xogħol vokali ieħor li titkanta minn kantant solista.
[6] Silta mużikali li titkanta minn żewġ vuċijiet jew strumenti.
[7] Silta mużikali għal tliet vuċijiet jew strumenti.
[8] Jikkonsisti f’passaġġ vokali jew strumentali li juri l-ħila teknika ta’ kantant/a jew strumentalist/a.
[9] Biċċa mużika qasira tindaqq bil-qawwi li normalment jdoqquha t-trumbetti f’xi parata militari.
[10] Għadd ta’ noti li flimkien jagħmlu armonija.
[11] Għaqda ta’ żewġ melodiji jew aktar b’figuri ta’ noti differenti li meta tqiegħdhom flimkien dawn jagħmlu sens mużikali.

Qabelxejn nixtieq ngħid, li mill-ammont ta’ strofi li fih, l-Innu ma jidhirx li kien oriġinarjament intiż għal biex jiġi mmużikat f’xi innu solenni, u huwa aktar adattat għal xi innu popolari, jew forsi ftit aktar minn hekk, innu-marċ. Il-fatt biss li huwa strofiku, fejn għandek sensiela ta’ strofi mbejna bil-versi tar-ritornell, ma jħallilekx wisq wisa’ fejn tista’ timraħ b’movimenti u tempijiet differenti. B’kollox, l-Innu fih ħames strofi bil-vers tat-tmienja u bis-soltu rima a-b-ċ-b. U l-istess jingħad għar-ritornell. F’dak li huwa ħsieb, il-poeta jiftaħ dil-għanja proprju billi jiddikjara li l-ġilju huwa wieħed mill-ward li l-aktar ifewħu l-ġonna, u li bi bjuda u s-safa tiegħu, il-qalb togħxa flimkien mar-ruħ. Wieħed ma jridx jinsa li l-ġilju jirrappreżenta s-sbuħija u huwa wkoll is-simbolu tas-safa. Fit-tieni strofa mbagħad, il-poeta jdur fuq Marija u jqabbilha mal-*kwiekeb kollha dija*, u li bi ġmielha tisboq lix-xemx. Jgħidilha wkoll li *fost il-ħlejjaq tal-imwieled* m’hemmx isbaħ minnha. Hu jkompli fit-tielet strofa billi jistqarr li Marija kienet il-magħżula *sa minn dejjem* biex *tkun l-omm ħelwa ġmiel u bjuda* tal-feddej u jqabbilha ma’ *dar li tixraq lill-Mulej*.



Vara tal-Madonna tal-Ġilju, meqjuma fil-parroċċa Mqabbija




L-Innu jkompli bir-raba’ strofa li titratta it-tħabbira tal-Anġlu Gabriel lil Marija li hija kellha tkun Omm Iben Alla. Meta l-Anġlu, mibgħut mill-Mulej, daħal għandha qal lil Marija: “Is-Sliem għalik, ja mimlija bil-grazzja: il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa”. U hi wieġbet: “Hawn jien serva t’Alla: isir minni kif għidt int”. Minn dak il-ħin stess l-Iben t’Alla, permezz ta’ għemil l-Ispirtu Santu, ħa l-ġisem fil-ġuf safi ta’ Marija u sar Bniedem. U minkejja li ħarġet tqila bil-ħidma smewwija, il-ħames u l-aħħar strofa tkompli tgħidilna li Marija, għall-kuntrarju tal-bqija tal-ommijiet l-oħrajn kollha, xorta waħda baqgħet sbejħa u nadifa. U ma’ ġmielha żdied ukoll il-għaġeb *li fid-dinja m’deher qatt*. Bħal dejjem, ir-ritornell, bħal fil-każ tal-volta f’sunett Petrarkan, huwa l-qofol ta’ kull għanja għax fih jiġbor il-ħsieb kollu f’erbat ivrus b’saħħithom. Ikun għalhekk biżżejjed hawnhekk jekk inġibuh kif inhu mingħajr il-ħtieġa li noqogħdu nfissruh: *O Marija, sbejħa, safja / Daqs il-ġilju tal-widien / Warrab minna l-iċken tebgħa / Lilek nagħtu ġieħ flimkien*. Kif jgħid tajjeb il-poeta stess: “L-innijiet popolari jridu jkunu sempliċi, kemm fit-tifsir tal-ħsebijiet kif ukoll fil-għażla tal-kelma li trid tkun ukoll popolari”.[12]



L-ewwel paġna tal-partitura tal-Innu

Il-Partitura[13]: Kif jiġri dejjem, fl-ewwel paġna tal-partitura tniżżlet in-nomenklatura tal-istrumenti parteċipi f’dal-Innu. L-istrumenti tal-banda u tal-vuċijiet huma miġburin fi gruppi għalihom skont jekk humiex injam, ram, vuċijiet jew perkussjoni. In-numri li hemm fil-ġenb tat-tabella t’hawn taħt juru l-għadd ta’ dal-gruppi. Fil-lista niżżilt ukoll dawk l-istrumenti li ma jidhrux fl-ewwel paġna: par sassofoni Tenuri, Flikorni primi u sekondi, sett qniepen, u trepied. Dan seta’ ġara l-għaliex

[12] Silta minn ‘kelmtejn qabel’ tal-ktejjeb ‘Innijiet’ (Lux Press, 1948).

[13] Ktieb jew paġni li fihom ikun hemm manuskritta jew stampata xi biċċa mużika li fiha jidhru l-partijiet tal-istrumenti. Hemm partituri fejn kull strument jinkiteb fuq pentagramma għalih (*full score*), u hemm oħrajn li jkunu taqsira ta’ waħda sħiħa (*short score*) magħmula minn ftit pentagrammi li fihom b’xi mod jitgeddsu l-istrumenti kollha.

il-kompożitur ħadem fuq karta tal-mużika ta' b'16-il pentagramma[14] biss u għaldaqstant ma jistax ikun hemm post għal kulħadd. Iżd' għad li t-trijanglu u l-qniepen idumu ma jidħlu jdoqqu, mhux l-istess jingħad għas-sassofoni Tenuri, jekk mhux għaliex il-parti tagħhom hi l-istess bħal tal-Baritoni. Jerġa' biex aktar jikkompressa x-xogħol, il-kompożitur ra li jkun aħjar jekk ċertu strumenti aħwa jiggruppjahom fl-istess pentagramma. Hekk jiġri fil-każ tal-Kwartini, Klarinetti sekondi u terzi, Sassofoni Alti, it-tliet Korni, il-Kurunetti primi u sekondi, il-Baritoni (kelm' oħra għal *Althorns*), l-Ewfonji, it-tliet Trumbuni, iż-żewġ tipi ta' Baxxi, u l-Pjatti u l-Katuba. Stramba wkoll kif il-partitura ma tinkludix, dejjem jekk hemm, it-Timpani li huma essenzjali immens f'xogħol simili peress li joffru dik il-laqta maestuża. Strument importanti ieħor li mhux fil-lista huwa l-Flawt, bin-noti akuti aktarx jiġu assenjati liż-żewġ Kwartini (Darmanin ħareġ idoqq bil-kwartin[15] mal-Banda Stella Maris fl-1931), anki jekk leħinhom jista' jkun aspru ħdejn il-leħen doċli tal-flawt. In-nuqqas tiegħu jinħass l-aktar f'dawk it-taqsimiet fejn ikun hemm xi solo, imsieħeb bi ftit skwilli mill-istrumentini. Kuġinuh l-Ottavin, ukoll jidher li ġie mħolli barra mil-lista.

Hawn taħt hija lista sħiħa tal-istrumenti kollha li jidhru fil-partitura:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Quartino in Mi*b* 1$^{mo.}$ | 3 | Corno in Mi*b* 1$^{mo.}$ | 4 | Baritono 1$^{mo.}$ |
| | Quartino in Mi*b* 2$^{do.}$ | | Corno in Mi*b* 2$^{do.}$ | | Baritono 2$^{do.}$ |
| | Clarino Sop. Soli 1$^{mo.}$ | | Corno in Mi*b* 3$^{zo.}$ | | Euphonium 1$^{mo.}$ |
| | Clarino Sop. 2$^{do.}$ | | Cornetta I$^{ma.}$ | | Euphonium 2$^{do.}$ |
| | Clarino Sop. 3$^{zo.}$ | | Cornetta 2$^{da.}$ | | Basso in Mi*b* |
| | Saxophone Alto in Mi*b* | | Flicorno 1$^{mo}$ | | Basso in Si*b* |
| | Saxophone Tenore in Si*b* | | Flicorno 2$^{do.}$ | 5 | Tamburro |
| 2 | Ragazzi | | Trombone Tenore 1$^{mo.}$ | | Triangolo |
| | Tenori | | Trombone Tenore 2$^{do.}$ | | Campane |
| | Bassi | | Trombone Tenore 3$^{zo.}$ | | Cassa e Piatti |

Struttura: Bħala xogħol, l-Innu ta' Darmanin jista' jinqasam b'mod wiesa' fi tliet movimenti kbar f'forma hekk imsejħa ternarja (ABĊ), fejn tal-aħħar għandu aktar minn rikapitulazzjoni milli ħaġ' oħra. Iżda kull wieħed minnhom jerġa' jinqasam f'diversi taqsimiet, fejn it-tempijiet u t-tonalitajiet waqtiet jinbidlu. Hemm passaġġi li huma strumentali bil-banda ddoqq weħidha, oħrajn li fihom jidħol il-kor tat-tfal waħdu, oħrajn it-Tenuri u l-Baritni biss, u oħrajn kulħadd f'daqqa, banda u vuċijiet. Hemm ukoll passaġġi fejn jidħlu strumenti solisti. F'dal-artiklu ser nikkonċentraw biss fuq l-ewwel żewġ movimenti. Hawn taħt qed inġib tabella biex nuri kif inhuma mqassmin it-tliet moviment bit-temp ġenerali tagħhom u bil-għadd ta' battuti li huma jokkupaw:

| **Innu lill-Madonna Tal-Ġilju** | | |
|---|---|---|
| Moviment | Temp | Battuti |
| A | *Allegro Moderato* | 1-125$^{1}$ |
| B | *Maestoso – Lento – Moderato - Maestoso – Lento – Moderato* | 125$^{2}$-308 |
| Ċ | *Allegro Moderato – Grandioso – Andante Sostenuto - Presto* | 309-415 |

Minn dit-tabella nerġgħu naqbdu l-ewwel moviment u nifthuh biex naraw kif inhu eżattament imqassam:

| **MOVIMENT A**: *Allegro Moderato* (1-125$^{1}$) | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| Batutti | | | | Strofa+Rit. |
| 1-18$^{1}$ | Fanfarra | | Strumentali | |

[14] Il-ħames linji mimdudin għall-kitba tal-mużika, dik li bl-Ingliż insejħulha *stave* jew *staff*.
[15] Programm tal-festa Stella Maris 1959. Herbert Naudi, fil-ktieb tiegħu taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-istess banda jgħid li Darmanin ħareġ idoqq bil-klarinett f'p. 118.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| $18^2$-$34^1$ [$35^1$] | Tema (parti a) | Replika | Kor tat-tfal | 1 |
| $35^2$-$43^1$ | Episodju 1 | | Strumentali | |
| $43^2$-$59^1$[$60^1$] | Tema (parti b) | Replika | Kor tat-tfal | 2 |
| $61^2$-$76^1$ | Episodju 2 | | Strumentali | |
| (a) 77-$80^1$ + (b) $80^2$-94-$96^1$ [97-$100^1$] | Tema (parti ċ) | Replika (b) biss | Kor tat-tfal | 5 |
| $100^2$-$109^1$ + $109^2$-$125^1$ | Episodju 3 | | Strumentali | |

Mit-tabella t'hawn fuq naraw li fih seba' taqsimiet żgħar jew mdaqqsin. Il-moviment jiftaħ b'dik li jien qed insejħilha fanfarra[16] peress li tokkupa l-ewwel nofs tal-introduzzjoni (b.1-8). It-tieni nofs (b.9-$16^1$) mhux għajr it-tkomplija ta' dak li għadu kemm tħabbar b'tant pompa eżatt qabel. Iż-żewġ battuti l-oħra (b.$16^2$-$18^1$) iservu ta' ħolqa u jwittu t-triq għall-ewwel parti tal-melodija min-naħa tal-kor. Parti (a) (b.$18^2$-$34^1$ [$35^1$]) tinkludi l-kant tal-ewwel strofa u r-ritornell meta tirreplika ruħha. Għad li Episodju 1 (b.$35^2$-$43^1$) hu qsajjar jirnexxilu jżomm 'il-mużika milli taqa' f'monotonija żejda permezz tar-repetizzjoni tal-istess melodija f'Parti (a). Fl-istess ħin iservi ta' xprun għal biex hi timmodula meta tiġi għat-tieni parti tat-tema. Infatti Parti (b) (b.$43^2$-$59^1$[$60^1$]) qiegħda f'tonalità differenti, fejn il-kor jerġa' jidħol bil-kant tat-tieni strofa u l-melodija tirrepeti ruħha biex r-ritornell jitkanta eżatt warajha. Fi tmiem dal-passaġġ, il-mużika terġa' lura fil-kjavi oriġinali. Hawn niġu għall-Episodju 2 (b.$61^2$-$76^1$), li hu itwal id-doppju mill-ewwel wieħed, u li jikkonsisti fid-daqq tal-ewwel parti tat-tema mill-klarinetti u l-ewfonju żewġ ottavi taħthom, u fin-nofs tagħhom bl-akkumpanjament tan-noti fanfarreski min-naħa tal-korni, kurunetti u flikorni.

F'Parti (ċ) il-mużika tmur lejn tonalità ġara oħra. Bejn iż-żewġ passaġġi hemm bħal ħolqa (b.77-$80^1$) – fit-tabella mmarkata bl-ittra (a) – li fiha jiġi introdott ir-ritmu li ser ikun qed jakkumpanja lit-tielet u l-aħħar parti tat-tema. Fiha, il-kor tat-tfal ikanta l-ħames strofa, segwita dejjem mir-ritornell fuq l-istess melodija meta l-mużika tirreplika ruħha. U b'hekk niġu għall-Episodju 3 ($100^2$-$125^1$). Dar-raba' intervent strumentali jinqasam f'żewġ partijiet – (a) (b.$100^2$-$109^1$) + (b) (b.$109^2$-$125^1$), b'tal-ewwel toffri polifonija sħiħa ta' ritmi varji minn gruppi differenti ta' strumenti, bl-istrumenti tal-qasba jimxu bis-sinkopat[17] u bit-terzini min-naħa tal-korni u l-kurunetti. Fl-istess waqt, l-ewfonji u l-baxxi jippruvaw jinsġu forma ta' melodija żgħira biex dal-passaġġ jieħu xejra ta' grupp kadenzjali. Fit-tieni parti tiegħu mbagħad, terġa' tinstema' t-tielet parti tal-għanja fil-verżjoni strumentali. L-ewwel moviment jagħlaq ħesrem permezz ta' ċeżura[18].

Min dak li għidna hawn fuq wieħed jinnota li t-tliet strofi, bir-ritornell magħhom, għandhom melodija differenti minn ta' xulxin. Dan ifisser li t-tema sħiħa hi allura magħmula mit-tagħqid tat-tliet partijijet (a), (b) u (ċ) imsenslin flimkien. Dan ifisser ukoll, li l-għanja mhix waħda strofika, biċ-ċans li l-mużika taqa' f'xi tip ta' monotonija sonori. Hawn taħt qed inġib biss il-bidu ta' kull parti tat-tema biex nuri l-mod differenti li bih hi mibnija l-melodija tagħhom (eż. 1):

[16] Dil-kelma aktarx ġejja mill-ilsien Għarbi *anfar*, plural ta' *nafir* li bil-Malti tfisser 'trumbetti'. Minn hemm, il-kelma bdiet tintuża biex tiddeskrivi kull tip ta' mużika għolja u elaborata bħalma nsibu f'xi parata militari. Il-fanfarra tista' tindaqq ukoll minn strument wieħed biss bħala salut jew sempliċiment biex jingħata sinjal.

[17] Kelma li tiddeskrivi daqq bl-iskossi. Dan jifforma ruħu meta nota taħbat b'mod li nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-debboli. Nota tista' ssir sinkopata wkoll permezz tal-legatura. Mod ieħor ta' kif tista' toħloq is-sinkopé hu billi iddaħħal it-twaqqif jew aspetti fuq il-parti qawwija u n-noti fuq dik dgħajfa, dak li aħna nsejħulu kontratemp.

[18] Pawsa immaġinarja bejn żewġ noti f'nofs ta' frażi. Ħafna drabi tkun immarkata b'sinjal ta' żewġ żbarri wara xulxin (//).

ez. 1




Mill-eżempju t'hawn fuq wieħed jinnota li kull parti: (a) tibda *in aria*, jiġifieri fuq il-parti dgħajfa tal-battuta[19]; (b) hija f'tonalità differenti; (ċ) għandha mill-istess binja ritmika. Kull parti wkoll: (d) hija akkumpanjata *piano* mill-banda; (e) mogħnija b'kontro-melodija[20] min-naħa tal-ewfonji; (f) hija akkumpanjata mid-daqq irqiq tat-trijanglu, jew trepied, li jkompli jżid mal-leħen smewwi tat-tfal. U minkejja dan huma xorta waħda joffru kuntrast bejniethom. Infatti, fil-każ tat-tieni parti fil-melodija jidħlu xi noti kromatiċi[21] li jagħtuha lewn ftit differenti mill-bqija. Dil-parti nzertat ukoll il-fustanija, bit-tnejn l-oħra fuq kull ġenb tagħha jinstemgħu aktar dijatoniċi[22] minnha. B'mod aktar ġenerali, it-tliet partijiet jħaddnu ambitu[23] pjuttost dejjaq, bil-konsegwenza li ma tantx joffru xi ksur daqstant ħelu f'nisġithom, anki jekk il-melodija hi waħda sempliċi u mexxejja. Kif diġà aċċennajt ukoll, it-tliet partijiet li minnhom hi magħmula t-tema kollha huma differenti l-waħda mill-oħra. Dan ifisser li t-tfal tal-kor ikunu jridu jitgħallmu jkantaw il-kliem tar-ritornell bi tliet melodiji differenti meta s-soltu dan, ismu miegħu, aktarx ikollu l-istess melodija, li hi l-qofol ta' kull għanja.

Dwar it-tliet episodji għedna ħafn' ukoll imma b'mod ġenerali nistgħu nżidu ngħidu li dawn kollha jindaqqu *forte* (waqtiet ukoll *fortissimo* minn xi strumenti) mill-banda sħiħa weħidha fil-mumenti fejn il-kant jehda, bil-parteċipazzjoni wkoll tat-tanbur, pjatti u katuba li jipprovdu s-soltu ritmu bandesk u ħafna storbju. Fl-ewwel nofs ta' Episodju 3 jidħol saħansitra jdoqq it-trijanglu bi trill[24] kontinwu li jġenġel widnejn kulħadd bit-taħbit mgħaġġel tiegħu. Dan iseħħ f'mument fejn il-mużika tibda tielgħa fi krexxend twil li jilħaq il-qofol tiegħu bit-tifqigħa qawwija tal-pjatti maħbutin b'saħħa ma' xulxin, dlonk segwita mill-bumm tal-katuba.



Il-paġna fejn jibda t-Tieni Moviment

Fil-ġenb tidher paġna nru 13 meħuda mill-partitura tal-1998. Fiha jidher il-mument eżatt meta jintemm l-ewwel moviment u jibda l-*Maestoso* tat-tieni wieħed fejn hemm proprju mniżżel in-numru wieħed li jintuża għall-waqt il-provi. Wieħed jinnota wkoll iċ-ċeżura li permezz tagħha l-kompożitur irid ifisser qtugħ ċar bejn iż-żewġ moviment. Kieku ried seta' għamel ukoll is-sinjal tal-pawsa[25] minflokha fuq in-nofs aspett u l-effett kien ikun l-istess xorta waħda. Kif ser naraw, it-tieni moviment jinkludi l-varjetà sħiħa fid-diversi taqsimiet tiegħu u joffri kuntrast kbir mal-ewwel wieħed.

Hawn taħt hija tabella li turi kif inhu mqassam it-tieni moviment in Mi*b* Maġġuri li joffri talanqas 16-il taqsima, żgħar u kbar, b'uħud

[19] Tirreferi għat-taqsim ta' biċċa mużika f'biċċiet qosra tal-istess valur jew għaqda ta' noti jew pawsi li jitqassmu fi kwantità egwali ta' valur. Dan isir permezz tat-tqegħid ta' stangetta magħmula minn linja dritta bejn battuta u oħra.
[20] L-insiġ ta' melodija kontr' oħra bil-għan li tinħoloq il-polifonija u b'hekk il-mużika ssir aktar interessanti.
[21] It-tħaddin ta' lwien differenti li joħorġu barra mit-tonalità li l-mużika tkun tinsab fiha dak il-ħin.
[22] Noti li jappartjenu biss għat-tonalità li nkunu ninsabu fiha.
[23] Il-wisa' fil-melodija bejn l-ogħla u l-ibjex nota tagħha. Id-distanza bejniethom tista' titkejjel permezz tal-intervall.
[24] Jindaqq billi tirreplika b'ħeffa kbira l-istess nota.
[25] Magħrufa wkoll bħala *kuruna*, jew *pont inkurunat*. Din tikkonsisti f'sinjal, għamla ta' nofs tond u tikka fin-nofs li jitqiegħed dejjem fuq ras in-nota biex bih iddewwem in-nota aktar mill-valur miktub tagħha. Pawsa tista' ssir ukoll fuq aspett għal aktar mistrieħ.

minnhom fi stil *da camera*[26], bil-parteċipazzjoni ta' ftit strumenti jew oħrajn, b'xi solo għall-akkumpanjament ħafif tal-banda, imma wkoll dwetti[27] bejn il-vuċijiet maskili, jonkella saħasitra *tutti* bil-kor tat-tfal b'kollox. Passaġġi oħra jikkostitwixxu biss xi ħolqa, estenzjoni jew episodju. Peress ukoll li sakemm ġejna biex immorru għat-tieni moviment tlieta mill-ħames strofi kienu diġà kkunsmati, il-kompożitur ma kienx għad fadallu għażla oħra ħlief li jerġa' jibda jimmużika l-ħames versi mill-bidu. Jista' jkun li min qed jisma' l-Innu ma jittendix li dak li jkun qed jirrepeti ħafna mill-versi li ġa smajniehom fl-ewwel moviment, imma hi ħafn' evidenti li l-kompożitur sab ma' wiċċu nuqqas kbir ta' vrus biex seta' jimmużikahom:

| **MOVIMENT B** (b. 125$^2$-308) in Mi*b* Maġġuri | | |
|---|---|---|
| Batutti | Temp | Deskrizzjoni |
| 125$^2$-133 | *Maestoso* | Fanfarra (banda) |
| 134-143$^3$ (a) + 143$^4$-151$^3$ (b) | *Lento* | Dwett (T. + Bar.) 1 |
| 151-157 + 158-165 | *Moderato* | *Tutti* |
| 166-169 | *Meno* | Ħolqa (banda) |
| 170-179$^3$ (a) + 179$^4$-186 (b) | *Lento* | Dwett (T. + Bar.) 2 |
| 187-190 | | Estenzjoni (banda) |
| 191-204 | | Dwett strumentali |
| 205-215$^3$ (ċ) + 215$^4$-223$^3$ (b) | | Dwett (T. + Bar.) 3 |
| 223-228 | | Episodju (banda) |
| 229-239$^3$ (d) + 239$^4$-246 (b) | | Dwett (T. + Bar.) 4 |
| 247-254$^3$ | *Maestoso* | Fanfarra (banda) |
| 254$^4$-262$^3$ (e) + 262$^4$-269 (b) | *Lento* (b biss) | Dwett (T. + Bar.) 5 |
| 270-272$^3$ | *Presto* | Ħolqa (banda) |
| 272$^4$-276$^3$ | *Lento* | Dwett żgħir (T. + Bar.) – jinkludi l-*leitmotif* |
| 276$^4$-284 (i) + 285-296 (ii) | *Moderato* | Passaġġi strumentali |
| 297-298 + 299-308 | *Meno* | Ħolqa + koda |



Vara tal-Madonna tal-Ġilju meqjuma fil-parroċċa tal-Imqabba

Il-Fanfarra (b. 125$^2$-133) li tiftaħ it-tieni moviment għandha mill-istess rwol tal-oħra li biha fetaħ l-ewwel moviment, jiġifieri li sservih t'introduzzjoni. Ħaġa li tolqot mill-ewwel l-għajn hija l-bidla in permanenza fit-temp minn wieħed doppju ta' żewġ semiminimi kull battuta għal wieħed ordinarju ta' b'erba' taħbitiet. Il-fanfarra min-naħa tal-kurunetti u t-trumbuni hija akkumpanjata minn trilli u skwilli tal-istrumenti tal-qasba, u l-aċċenti li jtaqqlu mixjet l-ewfonji u l-baxxi. Wieħed jinnota wkoll id-daqq tal-pjatta bil-mazza minflok jitħabbtu ma' xulxin.

Dwett 1 (*Lento*) (b. 134-143$^3$ (a) + b. 143$^4$-151$^3$ (b): Din hija l-ewwel darba li niltaqgħu ma' tonalità ġdida bi tliet bemolli[28]. Dit-tonalità ta' Mi*b* Maġġuri tibqa' magħna tul dan il-moviment twil kollu. Kif indikat, il-passaġġ jinqasam f'żewġ partijiet a u b, fejn l-ewwel titkanta strofa 1 u mbagħad ir-ritornell. Xi ħaġa għall-ewwel darba wkoll, jidħlu jkantaw it-Tenur u l-Baritonu fi dwett. Dan jiftaħ b'battuta t'introduzzjoni li fiha l-

[26] Tissejjaħ b'dal-mod għax dari dit-tip ta' mużika kienet tindaqq aktar f'xi sala ta' palazz milli ġo knisja. Fih kienu jieħdu sehem numru żgħir ta' mużiċisti b'mużika li tinkludi dwetti, terzetti, kwartetti u kumbinazzjonijiet oħra ffirmuta minn sitt sa tmienja min-nies bejn wieħed u ieħor.
[27] Kant jew daqq bejn tnejn.
[28] Sinjal żgħir forma ta' *b* li meta jitqiegħed fuq in-naħa tax-xelluq ta' ras in-nota jservi biex inaqqsilha nofs ton milli tkun.

qniepen isemmgħu leħinhom għall-ewwel darba wkoll, imma mhux bid-daqq tal-*leitmotif*[29]. Iż-żewġ vuċijiet aktarx ikantaw fi stil omofoniku[30], imseħbin biss mill-arpeġġi legati[31] fuq il-klarini soli, imwieżna mill-kromi qosra fuq l-ewwel taħbita tal-baxxi, u noti twal ġejjin min-naħa tal-bqija tal-klarinetti u t-tliet korni. Il-prim kwartin ukoll jagħti sehmu billi f'xi waqtiet jingħaqad mat-Tenur fil-kant (eż. 1):

ez. 1




Iżda xħin niġu għat-tieni parti tal-*Lento* l-affarijiet jinbidlu mhux ħażin. Qabelxejn nixtieq ngħid, li hemm indikazzjoni ċara li fil-fatt dan mhu dwett xejn bejn żewġ solisti, imma kor tal-irġiel b'żewġ vuċijiet. Dan għaliex, fil-parti tal-Baritni nsibu li huma diviżi. Min-naħa tiegħu wkoll, għal xi ħin il-kor tat-tfal jingħaqad mat-Tenur iżda f'nofs triq imur għal rasu, bil-passaġġ jispiċċa jiżgħed bil-kant polifoniku, b'kulħadd jiġri ġo xulxin skont newbietu. L-akkumpanjament ukoll jibdel surtu u jsir kemxejn aktar aġitat bid-daqq ripetut tas-semikromi fis-sekondi u t-terzi klarinetti. Hawn tidħol ukoll il-kurunetta sola ddoqq fl-unisonu mat-Tenur. Min-naħa tagħhom is-sassofoni u l-korni, u waqtiet trumbuni, jissupplixxu noti twal, filwaqt li l-baxxi jkomplu minn fejn ħallew qabel (eż. 2):

Ez. 2




*Moderato* (b. 151-157 + 158-165): Daż-żewġ passaġġi żgħar jistgħu jittieħdu flimkien peress li bejniethom jiffurmaw episodju wieħed. Dan jieħu xejra aktar strumentali milli vokali fejn kor u solisti jleħħnu biss l-aħħar vers minn tar-ritornell. Biss, hawnhekk naraw ukoll it-twelid ta' tema ġdida, imdaqqa b'saħħa mill-klarinetti u l-kurunetti, u kontro-melodija ġejja min-naħa tal-ewfonji. Fit-tieni passaġġ jidħlu wkoll it-trumbuni, u l-baritni (*althorns*) jisfaw diviżi, filwaqt li l-kurunetti jerġgħu jibdew jitħajru jiffanfraw bil-fanfarri.

*Meno* (b. 166-169): Hu biss ħolqa li tgħaqqad passaġġ m'ieħor u tieħu mill-materjal li nsibu fl-introduzzjoni ta' dal-moviment. Xogħolha hu biex tgħin titnaqqas il-ġirja fit-temp. Infatti, eżatt warajha jiġi l-*Lento* ta' Dwett 2 u kollox jerġa' l-istess bħal-ewwel wieħed, ħlief għall-kant tat-tieni strofa, segwita dejjem mir-ritornell. L-estenzjoni (b. 187-190) li tiġi wara sservi t'għeluq għal dit-taqsima u li fiha nisimgħu għal darb' oħra xi noti fuq il-kurunetta sola u arpeġġi stakkati[32] min-naħa tal-ewfonju.

Dwett strumentali (b. 191-204): Milli nista' nifhem għandna dwett bejn il-prim kwartin u ewfonju solo. Anki l-primi klarinetti huma diviżi, għad li mill-partitura mhux ċar jekk dawn humiex qed idoqqu solo jew le. F'każ li hu hekk, allura għandna kwartett minflok dwett. Fih innifsu l-passaġġ hu wieħed delikat immens għax jinvolvi biss l-akkumpanjament ta' noti twal mill-bqija tal-klarinetti, kornu prim, u milli

[29] Motif, jew ċellola mużikali ta' ftit noti li tixtered f'kull parti tal-kompozizzjoni u li faċilment tingħaraf mill-istess karattru li jsawwarha.

[30]Mużika f'dal-istil tinkiteb b'linja waħda ta' melodija u bil-vuċijiet l-oħra jakkumpanjawha permezz ta' kordi.

[31] Dan ifisser li dawn iridu jindaqqu b'mod lixx u li ma jkunx hemm qtugħ bejn nota u oħra fl-istess frażi. Daqq simili jingħaraf minn sinjal nofs tond li jitqiegħed fuq ras in-noti.

[32] Sinjal (.) li jitqiegħed fuq ras in-noti biex dawn jindaqqu b'tali mod li jitnaqqsilhom nofs il-valur tagħhom. Il-kontra ta' legat.

jidher ukoll, xi sassofonu jew tnejn tenuri. Għal xi waqt jidħol ukoll iċ-ċenċil mhux iffullat tat-trepied, u aktar tard jidħlu wkoll il-baxxi b'xi noti twal, u mbagħad ukoll il-qniepen mhux bil-*leitmotif*.

Dwett 3 (b. 205-$215^3$ + $215^4$-$223^3$): Jissokta d-dwett bejn Tenuri u Baritni (fil-partitura mniżżlin Baxxi bil-lapes), b'dawn tal-aħħar għall-ewwel diviżi. Fl-ewwel parti tiegħu, id-dwett joffri mużika differenti minn dawk ta' qablu, fejn il-prim kwartin jibqa' għal xi waqt jippersisti bis-solo tiegħu, u f'xi waqtiet żgħar bis-sekond jingħaqad miegħu. (Fit-tabella mmarkajtha bl-ittra 'ċ'). Il-klarinetti primi jibqgħu diviżi, b'nofshom jimxu mal-melodija, waqtiet mat-Tenuri, waqtiet oħra mal-Baritni. Il-qniepen ma jonqsux ukoll milli jsemmgħu ftit leħinhom. Rigward it-tieni parti, m'hemmx x'wieħed iżid peress li $215^4$-$223^3$ = $143^4$-$151^3$. Dit-taqsima tagħmel użu mit-tielet strofa u s-soltu ritornell li jiġi magħha (eż. 3):

ez. 3



Episodju (b. 223-228): Dan jiġi bejn it-tielet u r-raba' dwett u li dwaru ma tantx hemm x'wieħed jgħid ħafna peress li ma jġorr l-ebda ħjiel tematiku. Hu biex ngħid hekk, aktar t'estenzjoni tad-dwett li ġie qablu. Fih solo fuq is-sassofonu alto li jibqa' sejjer għal ftit tal-ħin fit-taqsima li jmiss. Min-naħa tiegħu, it-trumbun prim ukoll jintervjeni b'solo ċkejken ta' ftit noti, u bit-trepied għal xi ħin jibqa' jċenċel donnu arloġġ.

Dwett 4 (b. 229-$239^3$ + $239^4$-246): Fl-ewwel parti tiegħu t-Tenur u l-Baritnu jwieġbu 'l xulxin b'mod antifonali[33] permezz tar-raba' strofa. Huma jkunu akkumpanjati min-noti twal fuq il-klarinetti primi u sekondi, it-tliet korni u baxxi, li joħolqu bħal tapit armoniku. F'xi ħin ukoll, magħhom jingħaqad il-kwartin prim b'xi skwilli żgħar bħala tiżjina. It-trepied u l-qniepen jidħlu fil-bidu u lejn l-aħħar rispettivament. Fit-tieni parti tiegħu, il-kor jingħaqad mas-solisti fir-ritornell bl-istess mużika li bħalha diġà ltqajna fit-dwetti l-oħra li ġew qabel. Minn dan kollu wieħed jinnota li f'dal-moviment ir-ritornell żamm ismu fil-veru sens tal-kelma peress li baqa' dejjem fidil għall-istess melodija u strumentazzjoni (eż. 4):

ez. 4



*Maestoso* (b.247-$254^3$): Id-daqq tar-ram f'dal-passaġġ ifakkarna minnufih fil-fanfarri l-oħra, speċjalment dik li biha jiftaħ l-ewwel moviment, għax it-tnejn jindaqqu *fortissimo* u jagħmlu użu mill-istess ritmi li jinvolvu t-terzini tal-kromi. Biss hawnhekk, il-fanfarra tiġi fi tliet pjani differenti peress li l-grupp tal-qasab idoqqu għalihom bi trilli fuq noti pjuttost għoljin u twal, filwaqt li l-ewfonji u l-baxxi jeżegwixxu serje ta' kromi aċċentwati ma jaqgħtu xejn. Is-sezzjoni tal-perkussjoni wkoll tinsab fl-aqwa tagħha, bit-trijanglu bi sħab ma' tal-qasba, it-tanbur jirritma mar-ram, u bil-pjatti u l-katuba iżommu l-qofol tar-ritmu.

Dwett 5 (b.$254^4$-$262^3$): Wara dil-introduzzjoni jidħlu bilġri l-vuċijiet kollha għall-ewwel darba bil-ħames vers u b'melodija ġdida li qatt ma konna rajnha bħala qabel. Wieħed jinnota li meta niġu għad-dwetti, l-ewwel parti dejjem tkun differenti u hu minħabba f'hekk li tajtha l-ittra (e). Iżda għall-kuntrarju tal-oħrajn, din trid tindaqq fl-istess temp tal-fanfarra u hu biss fit-tieni parti (b) li nerġgħu għal-*Lento*. Waqt

[33] Tip ta' kant li jalterna bejn żewġ vuċijiet fejn bħal iwieġbu 'l xulxin aktarx bl-istess mod jew ftit differenti. Insibuh jitkanta l-aktar fil-mużika tal-knisja.

l-istrofa kulħadd jibqa' għaddej imma b'volum aktar baxx u li fiha bħal tintiseġ polifonija sħiħa b'kulħadd jinqasam fi gruppi ma' waħda mit-tliet vuċijiet – tfal, tenuri u baritni. Il-klarinetti primi u l-flikorni mat-tfal, il-kwartini u l-althorns mat-tenuri, u l-klarinetti sekondi/terzi u l-ewfonji mal-baritni. Iżda dan mhux kollox, għax filwaqt li l-korni, trumbuni, baxxi u l-perkussjoni jinsġu qafas ritmiku, il-kurunetti primi jibqgħu għaddejjin fil-baxx bil-fanfarra, is-sassofoni u l-kurunetti sekondi bis-soltu noti twal biex isostnu l-armonija, u l-qniepen b'xi forma ta' kontro-melodija. Dwar it-tieni parti m'hemm xejn x'wieħed iżid fuq dak li diġà għidna peress li ltqajna bħalha fid-dwetti l-oħra li fihom jitkanta r-ritornell (eż. 5):

Ez. 5




*Presto* (b.270-$272^{3}$): It-tempijiet ikomplu jinqelbu bil-miġja bla mistennija ta' dal-passaġġ ħolqa li fih il-banda tinfexx f'fanfarra qsajra mdaqqa b'mod qawwi bi tħejjija għal-*Lento* li jiġi eżatt wara. U filli n-naħa l-waħda għandek il-banda sħiħa ddoqq, u filli n-naħa l-oħra għandek par vuċijiet ikantaw *a cappella*[34]. Imma forsi l-aktar ħaġ' importanti hawnhekk hi li f'dad-dwett ċkejken ta' *lilek nagħtu ġieħ flimkien*, it-Tenur u l-Baritnu jirnexxilhom għall-ewwel darba jannunzjaw il-*leitmotif* kollu kif inhu – motif fi stil tal-kant gregorjan, maqsum fi tliet frażijiet daqsinsew u bi tliet pawsiet fih, li b'xi mod jew ieħor huma kollha simbolu tat-Trinità Mqaddsa. Dal-passaġġ seħel qed mhux biss f'nofs dal-moviment, imma ukoll fin-nofs eżatt tax-xogħol kollu, bħal donnu qisu ż-żokra li minnha Marija welldet lil binha Ġesù li ġie fid-dinja biex jifdina. Għall-importanza tiegħu, hawnhekk qed inġibu bħala eżempju 6:

Ez. 6




*Moderato* (b.$276^{4}$-284 + 285-296): Hawn għandna żewġ passaġġi li jinġiebu flimkien minn partijiet oħra tal-istess moviment. Infatti, l-ewwel wieħed mhux għajr dwett nru 5 (b.$254^{4}$-$262^{3}$) fil-verżjoni strumentali, li fin-nuqqas tal-vuċijiet xi ħadd irid jagħmel tajjeb għalihom. Il-melodija tat-Tenur baqgħet f'idejn il-kwartini u magħhom issa ngħaqdu l-klarinetti kollha u l-kurunetti primi u sekondi, u b'xi mod ukoll is-sassofoni alti. L-althorns u l-ewfonju welldu kontro-melodija ġdida li għandha mill-istess tidwir tal-melodija, filwaqt li korni, trumbuni u baxxi jakkumpanjaw bl-akkordji u ritmu meqjus. Magħhom jingħaqdu wkoll il-platti u l-katuba, u t-tanbur li jiżgħed bir-rollijiet. Il-passaġġ l-ieħor hu meħud mill-*Moderato* li nsibu f'b.151-165, b'xi tibdil fl-istrumentazzjoni biex jinżamm l-istess pass dinjituż li bih mexa l-passaġġ ta' qablu.

*Meno* (b.297-298 + 299-308): Dan jinkludi ħolqa ta' żewġ battuti għal biex idawwar it-tonalità fid-direzzjoni lejn ir-rikapitulazzjoni tat-tielet moviment li minn Mi*b* trid terġa' tmur lura in Fa, jiġifieri ton 'l fuq. L-aħħar passaġġ mhux għajr koda għal biex tagħlaq dal-moviment u li fiha ma nsibux għajr gruppi kadenzjali biex juru li tmiemu hu stat ta' fatt. F'dik li hi ħjata mużikali l-koda titlaq minn waħda omofonika fl-ewwel tliet battuti, u teqleb għall-waħda aktar polifonika, bis-soltu fanfarra fuq il-kurunetti primi u sensiela ta' kromi mtarrġin fl-ewfonji u l-baxxi ottava tagħthom. Dat-tip t'akkumpanjament ser niltaqgħu ħafn' aktar miegħu fit-tielet moviment. Fl-aħħar żewġ battuti wkoll, hemm ammont qawwi ta' kromatiċità, bl-istrumenti involuti jissieltu biex jbiddlu lewn il-mużika bi tħejjija għall-moviment li jmiss.

[34] Kant mhux akkumpanjat bil-vuċijiet weħidhom.

L-aħħar akkordju hu mtawwal b'pawsa twila u b'ċeżura warajh biex jassigura li jkun hemm qtugħ komplet.

B'hekk ġejna fi tmiem l-ewwel artiklu tagħna li tratta fid-dettal l-ewwel żewġ movimenti. Dwar it-tielet u l-aħħar moviment u affarijiet oħra konnessi ma' dal-Innu nitkellmu fil-ħarġa tal-ktieb tas-sena d-dieħla.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Mqabbin fl-okkażjoni: (a) tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju li qed tiġi solennement iċċelebrata ġewwa raħalha (b) t'għeluq il-mitt sena mit-twelid tas-Surmast Joseph Darmanin (ċ) tal-20 sena mill-iffirmar tal-partitura l-ġdida mill-istess Surmast (d) tal-20 anniversarju tal-UoM 'Ġ.F. Abela' JC Orchestra A.D. 1998 taħt id-direzzjoni tiegħi.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)